**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**27 ta' Ottubru 2024**

# Il-Kelma tal-Arċipriet

Wasalna fi tmiem ix-xahar ta' Ottubru u fi ftit jiem oħra niċċelebraw il-festa tal-Qaddisin kollha u t-tifkira ta' ħutna mejtin. Jumejn għeżież ħafna għalina l-Insara.

Dan l-aħħar, wara ħafna reklamar mid-dinja Amerikana daħlet ukoll il-festa tal-*Halloween*, u dwarha hawn ħafna ideat, għax min jgħidlek li hi tax-xitan u min jgħid li mhix. Oriġinarjament kien hemm festa ċeltika, imsejħa *Samhain* li timmarka l-bidu tax-xitwa b'ċelebrazzjoni ferriħija tal-għeżież mejtin biex jibqgħu mfakkra u ma jiġux minsija fid-dlam u l-mewt. Mas-seklu VIII, hekk kif daħal il-Kristjaneżmu fil-pajjiżi tal-Ewropa ta' Fuq, din il-festa nbidlet f'ċelebrazzjoni doppja għall-Qaddisin u l-mejtin kollha li qed jgħixu mhux bis-saħħa tal-memorja tagħna imma bil-qawwa ta' Kristu li rebaħ il-mewt u li jqajjimna miegħu għall-ħajja bla tmiem.

U hawn tfaċċa l-*Halloween* li jfisser *All Hallow's Eve*, sempliċement biex jirreferi għall-31 ta' Ottubru bħala "lejliet il-festa tal-qaddisin kollha". Fil-fatt mill-kelma "hallow" toħroġ il-kelma *halo*, "dijadema" u *holy* "qaddis". Iva allura għalfejn saret daqshekk makabra, bl-iskeletri, l-isħaħar u bil-friefet il-lejl? Kien wara l-*Victorian Age* li din il-festa ħadet xejra ġdida; neħħew minnha kull sinjal reliġjuż u daħħlu fiha l-aspett kummerċjali li bil-logħob u ċ-ċajt fuq l-iħirsa u l-mewt ibeżżgħu u jiġbdu lin-nies fl-istess ħin.

Issa aħna f'dan il-kuntest tal-lum il-ġurnata, bħala komunità nisranija ma nistgħux ma niġbdux l-attenzjoni biex waqt li noħolqu modi ġodda ta' kif niċċelebraw u nieħdu gost fil-kumpanija ta' xulxin, ma mmewtux il-ħsieb tal-kuxjenza tagħna, imma f'kulma nagħmlu nfittxu nistaqsu lilna nfusna: "Imma din il-ħaġa minn fejn ġejja? X'ħa ġġib fina? Fejn taf twassalna?".

Kemm ikun sabiħ kieku f'dawn iż-żminijiet nużaw iktar is-sensibilità tagħna u nwarrbu miċ-ċelebrazzjonijiet tagħna dak kollu li jnissel il-biża' u jkabbar il-mewt u ndaħħlu fihom spirtu ta' tama u ta' ħeġġa għall-ħajja.

**AVVIŻI:**

Se ssir **laqgħa tal-Grupp ta' San Piju** nhar it-Tnejn, 28 t'Ottubru fil-kappella tas-Sorijiet fl-4.00pm. Tibda l-Adorazzjoni bit-talba tar-Rużarju b'intenzjonijiet għall-morda u għall-vokazzjonijiet fil-parroċċa. Wara jkun hemm il-Quddiesa.

Infakkru u nħeġġu lir-**romol kollha, irġiel u nisa**, li nhar it-Tnejn 28 t'Ottubru fis-5.45pm se ssir **laqgħa għalihom fil-Mużew il-qadim tal-bniet**, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

***3 BASICS*** – Il-KDŻG qed torganizza 3 serati ta' formazzjoni u fraternità ġewwa ċ-Chaplaincy tal-Università, bejn it-Tnejn 28 u l-Erbgħa 30 t'Ottubru fit-8.00pm. Dawn huma miftuħa **għaż-żgħażagħ li jinsabu jistudjaw jew jaħdmu Malta**. Dawn il-laqgħat se jitmexxew mill-Arċipriet Dun Krystof u ser jittrattaw il-fundamenti tal-fidi tagħna. Wara kull laqgħa dejjem ikun hemm xi ħaġa tal-ikel. Inħeġġukom tipparteċipaw u tmexxu l-kelma ma' sħabkom.

Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Novembru, hija l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Filgħaxija wara l-quddiesa tal-5.00pm issir is-**siegħa tal-Ħniena Divina**. F'dan il-jum iddedikat lill-Qaddisin kollha, nistiednu lil kulħadd biex jieħu sehem f'din il-laqgħa mal-Qaddis tal-Qaddisin kollha.

Il-Kunsill javża lil dawk interessati fit-tilqima kontra Fluwenza, Covid-19 u PCV20, sabiex jirreġistraw sa mhux aktar tard mis-Sibt 2 ta' Novembru. Grazzi.

**Qrar**

**Il-Ħamis 31 ta' Ottubru**:
mill-5.30pm sas-6.30pm, fil-Knisja.

**Is-Sibt 2 ta' Novembru**:
mit-8.00am sal-10.00am, fil-Knisja.

**Quddies fiċ-Ċimiterji tal-parroċċa**

Il-Ġimgħa 1 u s-Sibt 2 ta' Novembru:
fis-6.30am, fil-kappella ta' Santa Tereża fiċ-Ċimiterju Ta' Kenuna
fl-4.00pm, fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina

Matul il-ġranet ferjali ta' Novembru:
it-Tnejn, it-Tlieta u s-Sibt: fis-6.30am, Ta' Kenuna
l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa: fl-4.00pm, tal-Ħniena Divina

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am